MINUTI

KUNSILL LOKALI FONTANA

IT-TMIEN LEĠIŻLATURA

**Laqgħa Numru 41**

**It-Tlieta, 14 ta' Ġunju 2022**

Saret il-laqgħa tal-Kunsill Lokali fis-Sala tal-Komunità tal-Kunsill Lokali, nhar it-Tlieta, 14 ta' Ġunju 2022, fil-5:00 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**
Is-Sur Saviour Borg – Sindku
Is-Sinjura Josephine Camilleri – Viċi Sindku
Is-Sur Horace Micallef – Kunsillier
Is-Sur Jonathan Cefai – Kunsillier
Is-Sur Carmel Farrugia – Kunsillier

UFFIĊJAL PREŻENTI
Is-Sinjura Miriam Attard – Deputat Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Saviour Borg ippresjeda l-laqgħa.

**41.1 Talba**

41.1.1 Il-laqgħa bdiet fil-5:00 p.m. Intqagħlet it-talba tal-bidu.

**41.2 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

41.2.1 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġija.

**41.3 Sitwazzjoni dwar l-offerta tal-*Electric Van***

41.3.1 Is-Sindku Saviour Borg għarraf lill-membri li l-kuntrattur mhux ser jonora l-kundizzjonijiet peress li m'għandux biżżejjed żmien minħabba li hawn problema ta' *supply* ta' *semi-conductors*. Il-pariri mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali u mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali hu li l-offerta preżenti taqa' u tinħareġ darb'oħra. L-offerta l-ġdida għandha tkun għal sena. Il-membri qablu.

S. Borg





KUNSILL LOKALI IL-FONTANA

41.3.2 Dwar il-fondi li ser jiffinanzjaw dan il-proġett tax-xiri ta' *electric van,* il-membri qablu li tintalab estensjoni ta' sena sakemm tinħareġ u tingħata offerta oħra.

**41.4 Ħarġa tal-fuljett – *Tagħrif mill-Kunsill tiegħek***

41.4.1 Is-Sindku ppropona li fiż-żmien li ġej toħroġ ħarġa oħra tal-fuljett. Il-membri qablu u ser jinbeda x-xogħol fuqu.

**41.5 Għoti tal-ikla għall-anzjani li jgħixu waħedhom fl-okkażjoni tal-Festa Titulari 2022**

41.5.1 Il-membri qablu li din issir ukoll din is-sena. Is-Sindku Saviour Borg qal li hemm madwar 25 anzjan u l-ikla ser tiswa €15-il waħda. It-tqassim isir nhar il-festa u jibda fil-10:45. Kien hemm qbil.

**41.6 Riżultat tal-interview għall-ħatra ta' Segretarju Eżekuttiv**

41.6.1 Tressaq ir-rapport tal-bord tal-għażla fejn ġie maqbul unanimament li Heidi Grech tiġi ngaġġata bħala s-Segretarju Eżekuttiv il-ġdid u li meta tibda taħdem il-Kunsill ma tistax iġġib magħha *vacation leave* u *time-off* mix-xogħol li kellha qabel. B'dan għandu jiġi infurmat id-Direttur Ġenerali tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali.

**41.7 Tmiem il-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

41.7.1 Il-laqgħa tal-Kunsill intemmet fis-18:00 ta' filgħaxija u kien hemm qbil unanimu bejn il-membri li d-data tal-laqgħa tiġi miftehma aktar 'il quddiem.

41.7.2 Dawn il-minuti ġew ippreparati mid-Deputat Segretarju Eżekuttiv is-Sa. Miriam Attard u ġew ippreżentati mis-Segretarju Eżekuttiv Heidi Grech.

Konfermati, illum it-Tnejn 29 ta' Awwissu, 2022.

Saviour Borg
Sindku

Heidi Grech
Segretarju Eżekuttiv

KUNSILL LOKALI IL-FONTANA